MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2011

Appell Civili Numru. 103/2003/1

**Andrew Farrugia, Keith Farrugia, Justin Farrugia, Walter Farrugia, Marie Therese Farrugia ghall-minuri Daniel Farrugia, u Maryanne Farrugia.**

**vs**

**Rosalie Tonna, u b'nota ppresentata fil-31 ta' Mejju 2004 Alfred Tonna u Brian Tonna assumew l-atti minflok il-mejta Rosalie Tonna skond kif jidher, ukoll, mill-verbal tas-seduta tat-28 ta' Settembru 2004.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Illi fit-2 ta' Frar 2010 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

*"Il-Bord,*

*Ra r-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremettew illi l-intimata tikri l-fond 'Nelson', Lampuka Street, Paola, bil-kera ta' Lm3.75 kull tliet xhur tithallas bil-quddiem, l-iskadenza li jmiss huwa 6 ta' Novembru 2003.*

*Illi ghal l-ahhar sentejn u nofs jew tliet snin l-intimata ilha mhux qed tuza l-fond in kwistjoni u qieghda tghix f'Villa Serena, Bugibba.*

*Illi ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord jawtorizzhom jergghu jiehdu pussess tal-fond fl-iskadenza li jmiss jew fit-terminu prefiss minn dan il-Bord.*

*Ra r-risposta tal-intimati (fol 17 ibid) u li biha esponew bir-rispett illi l-esponent Alfred Tonna huwa ntitolat li jigi rikonoxxut bhala l-kerrej tal-fond 54, Lampuka Street, Paola, a tenur tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk li t-talba skont ir-rikors odjern ghandha tigi respinta.*

*Ra l-atti kollha tal-kawza.*

*Semghet it-trattazzjoni.*

*<u>Ikkunsidra</u>*

*Illi, l-ewwel xhud prodott mir-rikorrenti Paul Busuttil (fol 21 u fol 38 et seq ibid) in rappresentanza tas-socjeta' 'Maltacom plc' xehed dwar il-kontijiet tat-telefon relatati mal-post in kwistjoni li ghandu in-numru '54' u ghall-perjodu ta' hames snin qabel it-3 ta' Novembru 2003. F'dan il-post, kien hemm zewg servizzi ta' telefon b'wiehed jigi trasferit fuq isem Alfred Tonna wara talba minnu stess fis-26 ta' Mejju 1997 izda mnehhi fit-28 ta' Mejju 2003 waqt li l-iehor kien gie stallat wara talba tal-istess persuna u fuq isimha, fl-20 ta' Gunju 2003 ghadu hemm sallum. Sussegwentement l-istess xhud esebixxa l-kontijiet relattivi, b'referenza ghaz-zewg servizzi (a fol 24 sa fol 26 dwar in-numru 662624, ormai mnehhi u a fol 27 sa fol 28 in konnessjoni mas-servizz esistenti bin-numru 662684), Meta gie riprodott, l-istess xhud, dan esebixxa l-istess kontijiet izda b'dak dovut bhala konsum u b'dak li*

*kellu jithallas ghal renta tal-apparat separati u distinti bejniethom (a fol 40 sa fol 42).*

*Illi wahda mir-rikorrenti xehdet b'affidavit' (fol 31 ibid) u permezz tieghu Mary Farrugia xehdet illi l-post in kwistjoni kien gie mikri 'lil certu Mr Tonna' u lill-intimata, mejta minn zewgha qabel l-1950 u bil-kera ta' Lm14 fis-sena. Wara l-mewt ta' zewgha, hi bdiet tamministra l-istess post bhala uzufruttwarja u sal-1997 kienet tirrisjedi fih l-intimata, wahedha peress li kienet taf li t-tifel tal-istess intimata kien jirrisjedi fl-Ingilterra. Madwar tliet snin qabel, hi saret taf illi Rosalie Tonna kienet giet rikoverata fl-Isptar ta' San Luqa u f'dan il-perjodu, l-kera kienet tithallas lix-xhud permezz ta' 'cheques' mibghutin mit-tifla tat-tifel ta' Rosalia Tonna ossija Doreen Muscat u bint Vicky Tonna. Fil-bidu tal-2003, l-istess rikorrenti kienet irceviet 'cheque' tal-kera li ma kienx iffirmat u ghalhekk hi cemplet lill-istess Doreen Muscat dwar dan u din kienet talbitha sabiex il-ktieb tal-ircevuti jintbaghat fir-residenza taghha f'Hal Tarxien peress li, skont kif qaltilha l-istess Doreen Muscat '… ma kien hemm hadd fil-fond in kwistjoni'. In rigward l-intimata, wara li damet ghal xi zmien fl-imsemmi Sptar, kienet ittiehdet f'Villa Serena u sussegwentement f'St Vincent De Paule fejn hawnhekk kienet mietet u ghalhekk, almenu ghal tliet snin u nofs, Rosalia Tonna ma kinitx aktar tirrisjedi fil-post in kwistjoni, kif hemm premess fir-rikors promotur, liema post kien vojt.*

*Illi xhud iehor prodott, Joseph Azzopardi (fol 43 et seq ibid), li jiggestixxi hanut fil-vicinanzi immedjati tal-istess post, bil-hanut tieghu sottopost ghal dak in ezami, semma' illi Rosalia Tonna kienet telqet mill-istess post u marret f'St Vincnet De Paule xi sena' qabel ma mietet. Fl-istess post, l-intimata kienet tirresjedi wahedha izda wara li mietet, Alfred Tonna, l-ko-intimat odjern, kien mar joqghod go fih. Qabel ma ommu mietet, Alfred Tonna kien joqghod fl-istess post ma ommu izda '…meta kien jigi mill-Ingilterra' fejn jahdem u dan '… xi kultant perjodu ta' xahrjen, xi kultant ta' xahar' u '… generalment kull sitt xhur'.*

*Illi Joseph Caruana (fol 51 et seq ibid) f'isem il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-ilma, spjega dwar il-konsum ta' dawl u ilma bejn l-2000 u 2003 fil-post in kwistjoni esebixxa fil-fatt 'statement' bejn 1996 u l-2006 (ara fol 55 u fol 56 ibid). Minn dan jirrisulta illi l-konsumatur registrat hu Alfred Tonna bil-karta tal-identita` numru 464722(M) u dan mis-sena' 2000, liema individwu kien jusufruwixxi minn sussidju fuq il-konsum ta' ilma. Jidher mill-istess dokumenti illi mis-sena 2002 hemm imnizzlin l-ittra 'NA' li jfissru illi kienet saret stima ta' konsum stante li ma kienx sar il-qari tal-'meters' ta' dawn u ilma ghax 'probabilment' il-'meter reader' ma jkunx sab xi hadd fil-post. Dwar l-istess post, jidher li l-ahhar qari kien sar f'Ottubru 2003.*

*Illi 'in atti' jinsabu zewg ittri registrati (fol 58 sa fol 61 ibid) datati t-22 ta' Awwissu 2006 u s-6 ta' Settembru 2006, liema ittri indirizzati lill-intimat Alfred Tonna fil-post in ezami, ma gewx konsenjati avolja jidher minnhom illi saru diversi tentattivi sabiex issir il-konsenja, oltre erba` (4) ritratti tal-post in kwistjoni li jidher maghluq b'diversi oggetti ta' korrispondenza ircevuti fl-apertura tal-kaxxa tal-ittri. Illi Doreen Muscat (fol 71 et seq ibid) imsemmija fl-'affidavit' tar-rikorrenti Mary Farrugia u li tigi n-neputija tal-intimata mejta kkonfermat illi l-istess intimata kienet marret fl-Isptar ta' San Luqa u sussegwentement f'Casa Serena u f'St Vincent De Paule fejn eventwalment mietet fl-2003. Ix-xhud sostniet illi '… Alfred Tonna kien joqghod fid-dar tan-nanna' u mhux l-Ingilterra waqt li mmedjatament wara pprecizat li, f'dan l-ahhar pajjiz "… kien joqghod ghal xi zmien izda ma kinetx taf xi xoghol kellu". Hu kien ta' spiss jigi f'Malta u jibqa' hawnhekk ghal xi xahrejn/tliet xhur fis-sena'. Meta l-intimata kienet mardet, Alfred Tonna kien digja, meta jigi f'Malta jirrisjedi mal-intimata. Ix-xhud ikkonfermat ukoll, illi hi kienet thallas il-kera permezz ta' 'cheque' mibghut bil-posta u dan ghal perjodu ta' tliet snin qabel ma mietet l-intimata izda in rigward il-ktieb tal-ircevuti, hi qalet illi "… jista' jkun illi kienet qalet lil Mary Anna Farrugia r-rikorrenti msemmija, sabiex dan il-ktieb jintbaghat lilha, x-xhud, "… meta Uncle Freddy ma kienx hawn Malta".*

*Illi gie prodott rappresentant tal-Isptar St Vincent De Paule, Louise Schembri (fol 75 ibid) u din ikkonfermat illi l-intimata kienet tirrisjedi fl-imsemmi sptar bejn it-30 ta' Lulju 2003 sa kemm mietet fit-23 ta' Mejju 2004. In rigward Casa Serena, gie prodott Henry St John (fol 83 ibid) u dan xehed illi l-intimata kienet fl-Isptar ta' San Luqa bhala kaz socjali li minn hawnhekk, numru ta' dawn il-kazijiet jew 'spustjati' f'Casa Serena. In rigward l-intimata, din damet Casa Serena mill-1 ta' Marzu 2003 sat-30 ta' Lulju 2003. Hu sottolinea illi kazijiet socjali bhal dak in ezami kienu jinvolvu persuna abbandunata mill-familjari taghhom.*

*Ikkunsidrat*

*Illi xehed 'viva voce' l-intimat odjern Alfred Tonna (fol 89 et seq ibid) spjega illi, meta kienet ghadha hajja ommu hu kien jiehu hsieb tal-post in ezami u jirrisjedi fih anke meta l-istess omm kienet marret fl-isptarijiet u residenza talanzjani*
*msemmijin. Inoltre hu kien guvni u peress li jbati minn 'angina', hu kien kostrett li jitla' l-Ingilterra ghat-trattament relattiv. Hu specifika illi kien ilu pensjonant ghal madwar hames (5) snin u l-pensjoni kienet tithallas illum mill-Gvern Ingliz anke in rigward l-inkapacita` tieghu. Minhabba dak premess, hu jirrisjedi ghal sitt (6) xhur f'Malta u rimanenti tas-sena' fl-Ingilterra u filfatt, skont hu, 'Jekk nittrasferixxi ruhi Malta ghal kollox, jiena ma nibqax niehu dan il-beneficcju'. In kontroesami, hu spjega illi, qabel ma 'ha' l-pensjoni hu kien jahdem fil-'merchant navy' bhala 'full timer'. Fl-Ingilterra hu ghandu post fejn jirrisjedi. L-intimat esebixxa, ukoll, id-dokument a fol 98 ibid, bl-intendiment sabiex minnu tidher id-data ta' meta hu irtira mix-xoghol tieghu msemmi, liema informazzjoni, pero' ma tirrisultax minnu. Minnu pero', jigi notat illi hemm specifikat l-indirizz tar-residenza tal-intimat fl-Ingilterra'.*

*<u>Ikkunsidrat</u>*

*Illi, wara li saret sintesi tal-provi rilevanti ghal dan il-kaz, il-Bord jixtieq jirrileva s-segwenti fatti:-*

*a) Ir-rikors in esami hu bazat fuq il-premessa illi Rosalia Tonna ma kinetx ghadha tirrisjedi fl-istess fond. Pero`, fil-bidu stess ta' dawn il-proceduri, l-intimata mietet u l-atti gew assunti minn Alfred Tonna u Brian Tonna bhala t-tfal taghha.*

*b) Dwar Brian Tonna, jinghad minnufih illi dan ma pproduca l-ebda prova u filfatt qatt ma deher quddiem il-Bord.*

*c) Dwar Alfred Tonna, jrid jirrisulta mill-provi illi hu jikkwalifika bhala kerrej protett skont l-artikolu 2 tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta cjoe meta l-kerrej, f'kaz ta' dar ta' abitazzjoni, ma jhallix warajh armla jew armel, dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqghodu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu.*

*Mill-provi li gew prodotti jirrizulta illi Alfred Tonna hu filfatt it-tifel tal-inkwilina mejta izda, minnhom jrid jirrisulta wkoll illi hu kien jirrisjedi u joqghod ma' ommu fiz-zmien tal-mewt taghha. Dwar dan il-punt, wiehed jista' jara li:-*

*a) Alfred Tonna kien minhabba x-xoghol li kien jaghmel, kien jirrisjedi fl-Ingilterra kif fil-fatt kompla jaghmel anke wara li irtira mill-istess xoghol bhala 'merchant seaman' u nghata pensjoni ta' disabbilta' mill-Gvern Ingliz. Fuq id-dokument esebit a fol 98, jidher illi r-residenza effettiva hi f'Portsmouth fir-Renju Unit u jaqbillu li ssitwazzjoni tibqa' hekk inkella skont kif xehed hu stess, jitlef l-imsemmi beneficcju.*

*b) L-istess Alfred Tonna kien, waqt li ommu kienet ghadha hajja jigi f'Malta ghal perjodu ta' anke tliet xhur kull sena u skont hu, kien joqghod ma' ommu, u wahdu meta din giet rikoverata jiehu kura taghha u jaghmel manutenzjoni tal-post in ezami. Pero` fuq dan il-punt, il-Bord ma setax ma jinnota dak li xehed Henry St John (a fol 83 ibid) li qal illi l-intimata mejta kienet tpoggiet fl-Isptar imsemmi minnu bhala kaz socjali ossija persuna li, effettivament, giet abbandunata mill-familjari taghha. Konsegwentement ma jistax jigi emmnut Alfred Tonna meta dan jsostni illi hu u xi*

*familjari ohrajn kienu jiehdu hsieb tal-intimata mejta matul l-ahhar snin ta' hajjitha.*

*Illi a bazi ta' dan, il-Bord ma jistax jikkonsidra lill-imsemmi Alfred Tonna bhala inkwilin protett a bazi tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre mill-istess provi, specjalment id-dokumenti a fol 61, 62 u 63 ibid gja msemmija u dak li xehed Joseph Caruana a fol 52 ibid fl-ahhar paragrafu, hemm indikazzjoni cara li probabbli illi l-post in kwistjoni kien qed jkun vojt ghal certu perijodu.*

*Illi, ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti b'dan li t-terminu prefiss ghall-izgumbrament se jigi ffissat mill-Bord u mhux ser jkun l-iskadenza tal-hlas ta' kera li tmiss ossija fis-6 ta' Novembru 2010.*

*Ghal dawn il-motivi l-Bord jilqa' it-talbiet in esami u jordna illi l-intimati, Brian u Alfred Tonna jizgumbraw mill-post 'Nelson', Lampuka Street, Paola u dan sa zmien xahrejn millum stess u b'hekk qed jawtorizza lir-rikorrenti sabiex jiehdu pussess tal-istess fond sal-perjodu hawn fuq stabbilit. In rigward l-ispejjes, dawn ghandhom jithallsu mill-istess intimati.*

Rikors tal-Appell tal-Intimati datat 22 ta' Frar 2010 a fol 102 tal-process fejn jesponu:-

Illi bir-rikors taghhom presentat fil-Bord li Jirregola l-Kera r-rikorrenti appellati ppremettew li Rosalie Tonna, omm l-esponenti, kienet tikri l-fond 'Nelson', fi Trip il-Lampuka, Rahal il-Gdid, bil-kera ta' Lm3.75 kull tliet (3) xhur tithallas bil-quddiem, bl-iskadenza li kienet tmiss taghlaq fis-6 ta' Novembru 2003, u li l-istess Rosalie Tonna matul is-sentejn u nofs jew tliet snin precedenti l-ftuh ta' din il-kawza ma kinetx qed tghix fil-fond imsemmi u kienet qed tghix f'Villa Serena, f'Bugibba. Ghalhekk ir-rikorrenti appellati talbu li l-Bord jawtorizzahom jiehdu lura l-pussess tal-fond fl-iskadenza li tmiss jew fit-terminu li jigi prefiss mill-Bord.

Illi l-esponenti wiegbu li Alfred Tonna huwa ntitolat li jigi rikonoxxut bhala l-kerrej tal-fond *a tenur* tal-**Kap. 69 tal-Ligijiet**.

Illi bis-sentenza moghtija fit-2 ta' Frar 2010 il-Bord li Jirregola l-Kera iddecieda li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu akkolti u pprefigga lill-esponenti terminu ta' xahrejn biex jizgumbraw mill-fond 'Nelson' fi Trig Lampuka, Rahal il-Gdid.

Illi l-esponenti jhossu ruhhom aggravati bis-sentenza hekk moghtija, u ghalhekk qeghdin jinterponu umili appell minnha.

Illi l-aggravju tal-esponenti huwa car u jikkonsisti f'dan li gej:

1. Kif inghad fis-sentenza applellata, ir-rikors li kellu l-Bord quddiemu 'hu bazat fuq il-premessa illi Rosalie Tonna ma kinetx ghadha tirrisjedi fl-istess fond' (pagna 4 tas-sentenza). Il-Bord zied jghid li **'pero', fil-bidu stess ta' dawn il-proceduri, l-intimata mietet u l-atti gew assunti minn Alfred Tonna u Brian Tonna bhala t-tfal taghha'** (sottolinear tal-esponenti). Konsegwentement il-Bord ghadda biex jezamina jekk xi wiehed mill-esponenti kienx intitolat li jigi rikonoxxut bhala kerrej skont il-ligi.

L-esponenti hawnhekk jirrilevaw bir-rispett illi:

(i) Proceduralment huma **ma assumewx** l-atti wara l-mewt tal-intimata, izda kien il-kaz illi l-gudizzju gie **trasfuz f'isimhom.**

(ii) Fit-termini tar-rikors kif intavolat, cioe' illi kellha tigi zgumbrata Rosalie Tonna mill-fond billi ma kinetx tirrisjedi fih, huwa wisq evidenti li **t-talba unika** li l-Bord kellu quddiemu u li ghalhekk **seta' jiddeciedi** kienet dik jekk Rosalie Tonna bil-fatt illi giet rikoverata f'dar ghall-anzjani tilfitx *o meno* il-jedd ghall-kiri tal-fond.

(iii) Bl-ebda mod, l-esponenti jghidu umilment, ma seta' l-Bord jirrendi lill-appellanti bhala legittimi kontradditturi

biex jezamina jekk xi wiehed minnhom hux intitolat ikompli l-kiri tal-fond f'ismu wara l-mewt ta' Rosalie Tonna ladarba, anke jekk kellha titqieghed fil-genb il-konsiderazzjoni procedurali fuq imsemmija, ir-rikors promotur kien jikkontjeni **l-kawzali specifika u unika** tal-abbandun tal-fond da parti ta' Rosalie Tonna bhala bazi ghall-izgumbrament taghha.

Lanqas ma ntalab mill-appellati, f'xi stadju tal-kawza, illi ssir xi modifika ghar-rikors promotur.

L-esponenti ghalhekk jissottomettu bir-rispett illi minn dan l-aspett is-sentenza moghtija hija nulla billi (a) ma ddecidiet xejn ghar-rigward ta' dak li kien il-meritu tar-rikors promotur, u (b) iddecidiet minflok meritu li ma kien jirraffigura ruhu xejn fl-istess rikors.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad bir-rispett illi d-decizjoni moghtija mill-Bord li **'ma jistax jikkonsidra lill-imsemmi Alfred Tonna bhala inkwilin protett a bazi tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta'** hija wahda skorretta fattwalment u legalment fi kwalunkwe kaz.

L-esponenti hawnhekk jiccitaw is-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fid-9 ta' Novembru 2005, fil-kawza fl-ismijiet **'David Galea et vs Stephen Bonnici'**:

"Gie pero' kawtelat fir-rigward ta' dan it-tieni element illi biex membru tal-familja jista' jitlob b'success il-protezzjoni tal-**Kapitolu 69**, ir-residenza tieghu mal-kerrej ma tridx tkun kazwali jew saltwarja, jew ghas-semplici kumdita' ahjar, jew ta' semplici pjacir, jew ispirata minn dik il-htiega ta' kambjament ta' ambjent li anke taghmel gid ghas-sahha u ghall-mohh **imma trid tkun ir-residenza ordinarja tal-bniedem, anke jekk ghall-bzonn mhux l-unika residenza tieghu, imma dejjem haga imposta minn necessita"** (pagna 9 tas-sentenza citata).

Il-provi akkwiziti fil-kawza juru hekk :

(i) Servizz tat-‘telephone’ fil-fond (bin-numru 662674) ‘kien inqaleb fuq Alfred Tonna’ fis-**26 ta’ Mejju 1997,** jigifieri **sitt (6) snin** qabel infethet din il-kawza (a fol 22).

(ii) Skont Joseph Caruana, in rappresentanza tal-Water Services Corporation (a fol 52), **‘mis-sena 2002** dejjem kien hemm registrat bhala konsumatur l-istess Alfred Tonna’. *Inoltre* : ‘Il-kont huwa ta’ **natura domestika.** Finalment, mid-dokument l-iehor jidher illi, fir-rigward dan il-fond, **qed jittiehed sussidju mill-istess Alfred Tonna’** (ibid).

(iii) L-esponent Alfred Tonna kien car bizejjed fid-deposizzjoni tieghu (a fol 89, 90) billi jispjega li ghalkernm minhabba l- ‘incapacity benefit’ li jircevi minghand il-Gvern Ingliz, billi fiz-zmien kien impjegat fil-’Merchant Navy’, irid necessarjament jirrisjedi ghal perjodu ta’ zmien fl-Ingilterra, daqstant meta jigi Malta il-fond fejn kienet tirrisjedi onmu Rosalie Tonna **huwa l-fond uniku ta’ residenza tieghu.**

L-esponenti ghalhekk fil-waqt illi jaghmlu riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fit-2 ta’ Frar 2010 fil-kawza fl-ismijiet premessi, jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha (i) tiddikjara u tiddeciedi li l-istess sentenza hija nulla skont il-ligi billi ma ddecidietx dak li kien mitlub fir-rikors promotur u anzi ddecidiet dak illi ma giex mitlub skont l-istess rikors, u ghalhekk tirrevoka u thassar is-sentenza appellata; jew fin-nuqqas u minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba (ii) tiddikjara u tiddeciedi li s-sentenza appellata sa fejn ordnat l-izgumbrament mill-fond billi kkonsidrat illi l-appellant Alfred Tonna m’huwiex inkwilin protett a bazi tal-**Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta’ Malta**, hija zbaljata u ghalhekk tirrevoka u thassar l-istess sentenza.

Ra l-inkartament ta’ dan il-kaz gie mdahhal fl-atti ta’ din il-kawza llum 26 ta’ Frar 2010 (fol 106).

Rat li dan l-appell kien appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-21 ta’ Mejju 2010 quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Andrew Farrugia et datata 16 ta' Settembru 2010 a fol. 121 tal-process fejn gie eccepit:-

Illi s-sentenza fl-ismijiet premessi deciza fil-2 ta' Frar 2010 hija gusta u timmerita konferma.

L-appell tal-intimati hija xejn hlief tentattiv iehor biex tichad id-dritt tar-rikorrenti milli jiehdu pussess tal-proprjeta` taghhom u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-istess intimati.

1. L-ewwel aggravju

Illi l-ewwel aggravju tal-intimati huwa li s-"sentenza hija nulla ghax (a) ma ddecediet xejn ghar-rigward ta' dak li kien meritu tar-rikors promotur u (b) iddecediet mertu li ma kien jirrafigura ruhu xejn fl-istess rikors."

Illi dan l-aggravju huwa manifestament infondat.

Illi fir-rikors r-rikorrenti talbu li jiehdu lura l-pussess tal-fond in kwisjtoni ghaliex Rosalie Tonna ma kenitx qed tghix fil-fond mikri lilha.

Fir-risposta taghhom l-intimati qalu kif gej "Alfred Tonna huwa ntitolat li jigi rikonoxxut bhala l-kerrej tal-fond 54 Lampuka Street, Paola u ghalhekk it-talba skont ir-rikors odjern ghandha tigi respinta".

Jirrisulta ghalhekk li l-intimati ma cahdux li Rosalie Tonna ma kenitx qieghda toqghod fil-fond in kwistjoni izda biss bbazaw l-kawza taghhom fuq allegazzjoni li Alfred Tonna kellu jigi rikonoxxut bhala kerrej.

Fis-sentenza jirrizulta car li l-Bord, wara li ra l-evidenza u d-dokumenti ikkonkluda li: "ir-rikors in ezami hu bazat fuq il-premessa li Rosalia Tonna ma kenitx ghadha tirrisjedi fl-

istess fond (ara l-ahhar paragrafu a pagna 5 tas-sentenza).

Illi pagina 4 tal-istess sentenza l-Bord ikkonsidra li Rosalie Tonna kienet tirrisjedi fl-Isptar St. Vincent De Paul bejn Lulju 2003 sakemm mietet f’Mejju 2004. Henry St. John qal li l-intimata dam joqghod Casa Serena minn 1 ta’ Marzu 2003 sat-30 ta’ Lulju 2003. Henry St. John zied qal li Rosalie Tonna kienet kaz socjali u cioe` persuna abbandunata mill-familja taghha.

Ghalhekk jirrizulta b’mod manifest li l-Bord fil-fatt ezamina x-xhieda dwar Rosalie Tonna, ikkonsidra li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar l-fatt li Rosalie Tonna ma kenitx qieghda tghid fil-fond mikri u kkonkluda li t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata. Illi fil-fatt fl-ahhar tas-sentenza l-Bord qal:

“Mill-provi specialment id-dokumenti a fol 61,62 u 63 ibid gja imsemmija u dak li xehed Joseph Caruana a fol 52 ibid fl-ahhar paragrafu, hemm indikazzjoni cara li probabbli illi l-post in kwistjoni kien qed ikun vojt ghal certu perjodu”. (ara l-ahhar paragrafu ta’ pagina 6 u l-ewwel paragrafu ta’ pagina 7 tas-sentenza).

Illi ghalhekk huwa assolutament mhux minnu li fis-sentenza ma ddecediet xejn ghar-rigward ta’ dak li kien il-meritu tar-rikors promotur.

Illi f’kull kaz *ai termini* tal-**artikolu 790 tal-Kap 12** dan l-aggravju huwa infondat. Is-sentenza hija sostanzjalment gusta.

L-esponent jaghmel riferenza ghas-sentenza **Bartoli vs. Mathiundes** (appell Kummercjaii 29 ta’ Lulju 1970) fejn gie dikjarat li “l-volonta tal-gudikant tista’ ttiehed anke mill-konsiderandi tas-sentenza, u li d-disposittiv ma ghandux jittiehed separatament mill-motivazzjoni izda ghandu jigi minn din def100finti u spjegat. Ara ukoll **Formosa Speranza vs Camilleri (**appell Kummercjaii 16 ta’ Jannar 1993 a Vol. XXVIII p1 p.740).

2. It-tieni aggravju

Illi l-intimati resqu ukoll aggravju iehor fejn, minghajr pregudizzju qalu li d-decisjoni li Alfred Tonna ma kienx inkwilin protett a bazi tal-**Kap 69** kienet wahda skorretta fattwalment u legalment.

Illi l-esponent jissotometti bir-rispett li kif gja sottomess mill-intimati stess, dan ir-rikors huwa bbazat fuq l-allegazzjoni li Rosalie Tonna ma kenitx qieghda toqghod fil-fond in kwistjoni u ghalhekk r-rikorrenti kellhom id-dritt li jiehdu l-post lura.

Illi kif diga` intqal l-Bord wara li kkonsidra l-fatti kollha kkonkluda li "kien probabbli li l-post in kwistjoni kien qed jkun vojt ghal certu perjodu".

*Inoltre* l-intimati tfal ta' Rosalie Tonna lanqas cahdu li l-istess ommhom ma kenitx qed tghix f'dak il-post u lanqas resqu risposta fejn cahdu l-allegazzjoni li Rosalie Tonna ma kenitx qieghda toqghod hemm.

Illi ghalhekk l-Bord lanqas kellha (kif diga` sottomess mill-appellanti stess) kellha tikkonsidra jekk Alfred Tonna kienx jew le inkwilin protett.

Illi minghajr pregudizzju certament hemm bizzejjed evidenza biex wiehd jikkonkludi li Alfred Tonna ma kienx fil-fatt qed joqghod fil-fond in kwistjoni. Certament Alfred Tonna ma kienx qieghed joqghod fil-fond fiz-zmien tal-mewt tal-kerrej ghaliex Rosalie Tonna lanqas kienet qieghda toqghod hemm.

Illi kif ikkonkluda l-Bord : "Alfred Tonna kien minhabba x-xoghol li kien jaghmel, kien jirrisjedi fl-ingliterra u fil-fatt kompla jaghmel hekk anke wara li irtira mill-istess xoghol.... Fid-dokument esebit a fol 98 jidher li r-residenza effettiva hi Portsmouth, Renju Unit u jaqbillu li s-sitwazzjoni tibqa' hekk inkella skont kif xehed hu stess jitlef l-imsemmi beneficcju."

Mix-xhieda kollha jrrizulta li l-post in kwistjoni kien vojt. Kieku kien hemm xi hadd qed joqghod fil-fond zgur li ma kienx ikun hemm dawk id-dokumenti esebiti minn Joseph Caruana li juru li ma kienx hemm konsum regolari ta’ dawl u ilma bejn 1996 u 2006. L-appellant fl-istess appell jghid li “irid necessarjament jirrisjedi ghal perjodu ta’ zmien fl-Ingilterra” minhabba l-*incapacity benefit* li jircievi fl-istess hin jipprova jghid li l-fond f’Malta (fejn ma kienx qed juza la ilma, la dawl u lanqas *telephone*, fejn ma kienx qed jircievi l-ittri) hija r-residenza ordinarja tieghu!

L-inkwilina Rosalie Tonna mietet f’2003. L-intimati imexxilhom ikomplu izommu l-pussess tal-fond in kwisjtoni minghajr ma jhallsu xejn billi resqu risposta irrilevanti (kif iddikjaraw huma stess fir-rikors tal-appell).

Doreen Muscat neputija ta’ Rosalie Tonna jkkonfermat li Rosalie Tonna kienet marret l-ewwel Casa Serna u imbaghad St. Vincent de Paule. Qalet ukoll li hi kienet qieghda thallas l-kera (mhux Alfred Tonna) (ghal tliet snin qabel ma mietet Rosalie Tonna) u li l-ktieb tal-ircevuti kienet qed tintbaghat lilha (lil Muscat). Illi jekk Alfred Tonna kien qed jghix hemm qabel ma mietet Rosalie Tonna ghaliex kienet Muscat li kienet tibghat ic-cheque u tircievi l-ircevuta?

Ghaldaqstant l-esponent bir-rispett jissotometti li din l-Onorabbli qorti ghandha tichad l-appell bl-ispejjes kontra l-intimati.

Rat id-digriet tal-Qorti kif hekk presjeduta fejn il-kawza giet differita ghas-smigh ghall-20 ta’ Jannar 2011.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tal-20 ta’ Jannar 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. John Vassallo ghall-appellanti u Dr. Philip Manduca ghall-appellati. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-5 ta’ Mejju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan huwa appell minn sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera fejn qed isostni li l-Bord ma ddecidiex fuq it-talba hemm kontenuta fir-rikors promotorju ghaliex din kienet sabiex tigi zgumbrata Rosalie Tonna mill-fond “Nelson”, Triq il-Lampuka, Rahal il-Gdid, ghaliex hija ma kienitx qed tghix fl-istess post ghal cirka sentejn u nofs jew tlett snin u peress li l-istess intimata kienet mietet qabel ma bdiet is-smigh tal-kawza l-Bord kull ma ghamel kien biss qal li l-istess mietet u l-atti gew assunti minn uliedha u ghadda biex ikkonsidra t-talba fil-konfront ta’ uliedha u dan meta l-kawzali specifika u unika tar-rikors kienet l-abbandun ta’ fond da parte tar-rikorrenti.

Illi dwar dan il-punt din il-Qorti thoss jirrizulta car mir-risposta ta’ l-intimati datata 27 ta’ Ottubru 2004, li l-kontestazzjoni quddiem il-Bord da parte tal-intimati, kienet li sa mill-bidu, li Alfred Tonna kien intitolat li jigi rikonoxxut bhala kerrej tal-fond *de quo* tant li sostna li *“huwa intitolat li jigi rikonoxxut bhala kerrej a tenur tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghalhekk it-talba skond ir-rikors odjern ghandha tigi respinta”.*

Illi tenut kont ta’ dan, jidher li l-ewwel aggravju ta’ l-appellati jmur proprju dak li huma stess eccepew quddiem il-Bord, ghaliex jidher car li huma bbazaw id-difiza taghhom fuq il-vantazzjoni li wiehed mill-intimati, Alfred Tonna, kien akkwista t-titolu ta’ kera skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-**Kap. 69** citati mill-istess intimati. Minn dan isegwi li llum l-aggravji tal-istess intimati huma diametrikament opposti mid-difiza minnhom avvanzata quddiem l-istess Bord, fejn jidher car li hemm huma bhala difiza vantaw ’il quddiem il-pretensjoni li la darba kienet mietet ommhom, mela huma kienu l-kerreja legalment ritenuti bhala tali skond il-ligi.

Illi barra minn dan, din il-Qorti thoss li l-Bord attwalment iddecieda l-istess punt peress li la darba l-inkwilina li kien hemm mietet, mela allura t-titolu ta’ kera spicca maghha u

ghalhekk ma kienx hemm lok u ghalhekk certament li taht dan l-aspett l-intimata ma setax ikollha titolu iktar ta' kera, tant li l-intimati sostnew li tali titolu kien wasal ghandhom, jew ahjar skond ir-risposta pprezentata mill-intimat Alfred Tonna, ghaliex sostna li huwa binha u kien jghix maghha fil-mument tal-mewt tal-inkwilina. Kien ghalhekk li l-intimati assumew l-atti tal-kawza, proprju minhabba l-mewt ta' ommhom u allura ppretendew li jzommu t-titolu li hija kellha izda dejjem suggett ghal dak li hemm skond il-ligi, li huma jghidu li kien favur wiehed minnhom.

Illi izda mill-provi jirrizulta wkoll li effettivament il-Bord ha in konsiderazzjoni anke dan il-punt ghaliex ghamel ezami tax-xhieda kollha quddiemu u wasal ghall-konkluzjoni li effettivament l-istess Rosalie Tonna fl-ahhar snin ma kienitx tghix fil-fond in kwistjoni, tant li l-istess Bord sostna li fuq ix-xhieda ta' Henry St. John li kien jahdem Casa Serena fejn kienet rekoverata l-istess Rosalie Tonna qabel ma mietet u mill-istess decizjoni jidher li l-Bord qaghad fuq ix-xhieda tieghu (u ta' ohrajn) li effettivament l-istess Rosalie Tonna kienet fl-ahhar snin ta' hajjitha, li jikkorrispondu ma' dak imsemmi fir-rikors promotur, kienet l-ewwel rikoverata fl-Isptar San Luqa (ara xhieda ta' Doreen Muscat) u sussegwentement f'Casa Serena u St. Vincent de Paule fejn mietet fit-2003, tant li l-Bord qghad u emmen bhala versjoni dik ta' Henry St. John li l-intimata kienet tpoggiet l-Isptar imsemmi minnu *"bhala kaz socjali ossija persuna li, effettivament, giet abbandunata mill-familjari taghha"* u fil-fatt abbazi tax-xhieda ta' Joseph Caruana f'isem il-Korporazzjoni Enemalta fejn irrizulta li bejn il-2000 u 2003 ma kienx isir qari tal-meters ta' l-ilma u d-dawl, dan kien sehh ghaliex il-post kien vojt u *"ma jkunx hemm hadd fil-post".* Dwar dan il-Bord ikkonkluda li l-post kien vojt ghal certu perjodu u ghalhekk jidher car li fil-kuntest tat-talba tar-rikorrenti li hija bbazata fuq il-pretiza li Rosalie Tonnna ma kinitx qed tghix fil-fond imsemmi u ghalhekk intalbet ir-ripresa tieghu, mela allura dan il-punt effettivament gie deciz mill-istess Bord, kif hawn fuq spjegat, u kif jirrizulta mis-sentenza, u ghalhekk din il-Qorti qed taqbel ma' dak sottomess mill-appellati fuq l-ewwel aggravju u qed tichad l-istess.

Illi dwar it-tieni aggravju jinghad li dan huwa bbazat fuq l-allegazzjoni li Alfred Tonna, bin Rosalie Tonna, qed ivanta titolu ta' kera, peress li qed isostni li bhala binha la darba kien jghix ma' ommu fil-mument tal-mewt taghha fil-fond de quo, mela allura huwa ghandu tali titolu ta' kera u allura qed isostni li huwa ghandu jigi rikonoxxut bhala kerrej ghaliex huwa lanqas ma abbanduna l-istess fond, la waqt li Rosalie kienet hajja, tant li jghix maghha u allura huwa baqa' jghix fl-istess fond, bil-konsegwenza li dan ma kien qatt vojt kif allegat mill-appellati.

Illi fuq dan, il-Qorti ma tistax ma tinnotax fl-ewwel lok li dan l-argument huwa triq ghal kollox differenti minn dik assunta mill-istess appellanti fl-ewwel aggravju, kif gja fuq spjegat, ghalkemm jinghad ukoll li din kienet l-unika difiza li l-istess intimati ressqu quddiem il-Bord, anke tramite r-risposta taghhom, li giet prezentata wara l-mewt ta' ommhom, u allura mal-ewwel iddefendew il-kawza fuq dan il-binarju.

Illi pero' jidher li fuq dan il-punt id-decizjoni tal-Bord hija ezawrjenti fis-sens li kkonsidrat li Rosalie Tonna fil-fatt fl-ahhar snin ta' hajjitha ma kienitx qed tghix fl-istess fond, u mhux hekk biss izda hija kienet giet abbandunata minn uliedha, u ghalhekk kienet qeghda fl-Isptar fejn fil-fatt mietet; mhux hekk biss izda l-istess Bord fis-sentenza tieghu, u b'mod mill-iktar skjett sostna li (a) dwar l-intimat Brian Tonna dan lanqas biss gab ebda prova jew deher quddiem il-Bord, u allura certament li ma kellu ebda titolu; (b) dwar Alfred Tonna sostniet li dan effettivament kien jghix l-Ingilterra, u hekk kien jaqbillu sabiex jibqa' jircievi l-pensjoni ta' disabilita' mill-Gvern Ingliz ghaliex altrimenti jitlef l-imsemmi beneficcju; (c) li mhux minnu li kien jghix ma' ommu peress li gie ppruvat li meta kienet hajja ommu, hija kienet gja ghal snin relevanti rikoverata fl-Isptar jew istituzzjonijiet hemm indikati fis-sentenza, u l-post kien ikun vojt u allura ma kienx hemm prova li (i) id-*decujus* kienet qed tghix fl-istess fond tant li hija giet ikkunsidrata sfortunatament bhala kaz socjali ghaliex abbandunata mill-familjari taghha, u (ii) l-ebda persuna ohra, inkluz l-appellant Alfred Tonna ma kien jghix fl-istess fond, u allura f'dan il-kuntest gie ppruvat li l-post kien inzamm

vojt, u li l-intimat lanqas skond il-ligi ma seta` jvanta ebda titolu ta’ kera, ghaliex ovvjament id-disposizzjonijiet li l-intimat Alfred Tonna kien iccita favur tieghu, ma kienux japplikaw ghalih, u la kienu jippersistu u wisq anqas gew ippruvati u ghalhekk anke dan it-tieni aggravju qed jigi respint.

Illi jinghad li b’riferenza ghall-kaz citat mill-appellanti fil-kawza fl-ismijiet **“David Galea et vs Stephen Bonnici”** (A.I.C. (PS) – 9 ta’ Novembru 2005) din il-Qorti thoss li l-fattispecie ta’ dak il-kaz huma ghal kollox differenti minn dawk tal-kaz odjern, ghaliex f’dak il-kaz gie ppruvat li l-konvenut kien mar effettivament jghix man-nanna tieghu fil-fond lokat, meta hija kienet ghadha tghix fl-istess fond, meta f’dan il-kaz kemm l-inkwilina Rosalie Tonna, u kemm l-appellat Alfred Tonna, gew ppruvati li ma kienux jghixu fil-fond de quo, tant li fil-kaz ta’ Rosalie Tonna nstab li fl-ahhar sentejn u nofs jew tlett snin ta’ hajjitha hija kienet tghix fl-Isptar jew istituzzjonijiet ohra ghaliex ma setghetx tintbghat id-dar ghaliex ma kien hemm hadd li jiehu hsiebha, u fil-kaz ta’ Alfred Tonna, gie ppruvat li ma kienx jghix maghha fid-data tal-mewt ta’ ommu, u effettivament li ma kienx jghix fl-istess post u allura ma kienx jikkwalifika bhala kerrej skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 2 (b) tal-Kap. 69.** Ghalhekk ukoll dan l-aggravju tal-appellanti qed jigi michud.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tal-appell tal-appellati datata 16 ta’ Settembru 2010 biss in kwantu l-istes hija konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti fir-rikors taghhom datat 22 ta’ Frar 2010** ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi u b’hekk tikkonferma d-decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera datata 2 ta’ Frar 2010 fl-ismijiet premessi **“Andrew Farrugia et vs Rosalie Tonna et”** (Rikors Numru 103/03/JAB) b’dan li t-terminu ta’ xahrejn impost mill-Bord sabiex l-appellanti jizgombraw mill-istess fond jibqa’ jghaddi mid-data ta’ din is-sentenza.

Bl-ispejjez ta’ dan l-appell a karigu tal-appellanti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------